MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru. 1098/2004

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Martin Cachia, iben Michael, imwieled Pieta' fis-29 ta' Marzu, 1959

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli l-Ħadd, 17 ta' Ottubru, 2004, fuq il-monti ta' San Ġakbu, fil-Belt, Valletta xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' numru ta' CDs tal-mużika u DVDs;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika

jew mod ieħor irriproduċa jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;
3. talli sar reċidiv skond l-artikolu 49 et seq. tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datati 16 ta' Ottubru, 2001, 3 ta' Frar, 2003 u 3 ta' Otttubru, 2003 liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tħassar il-liċenzja, jew inkella tissospendi tali liċenzja għal xi żmien, fid-diskrezzjoni tagħha, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skond il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 298(1)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €1,500. Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal ħlas tas-somma ta' €400 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------